MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 287/2007

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**
**nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-attrici u C D E izzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta fit-28 ta' Jannar 2004.

Illi dan iz-zwieg gie skritt fir-Registru Pubbliku ta' Malta bhala Att bin-Numru Progressiv 90 ta' l-2004.

Illi l-attrici zzewget meta l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u kellhom nuqqas ta' kapacita' li jassumu l-obbligazzjonijiet taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa kolpit b' simulazzjoni tant li l-kunsens kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fi kwalunkwe kaz dan l-allegat zwieg ma giex ikkunsmat, u ghandu jigi annullat ai termini ta' l-Artikolu 19A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg kontratt bejn Rinetth B u C D E fit-28 ta' Jannar 2004 huwa null u bla effett u ghal kull fini u effett tal-ligi ai termini ta' Artiklu 19 ta' Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Alternattivament, jekk ma tintlaqax l-ewwel talba, tannulla z-zwieg kontratt bejn A B u C D E tat-28 ta' Jannar 2004 ghal kull fini u effett ai termini ta' Artikolu 19 ta' Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jannota u jiskrivi tali nullita' fir-rigward ta' l-Att li jgib in-Numru ta' Registrazzjoni 90/2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati nformaw il-Qorti li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz ;

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet, u d-digriet relattiv li permezz tieghu gew allegati l-atti tal-kawza numru 240/04 fl-ismijiet *A B vs C D E et*, u li l-provi li nstemghu f' dik il-kawza ghandhom jitqiesu bhala li gew migbura fil-kawza odjerna ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u tal-kawza numru 240/04, inkluzi il-affidavits prezentati ;
Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fit-28 ta' Jannar 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1], u fit-termini ta l-artikolu 19A tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li z-zwieg huwa validu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Jannar 2004 wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur, u meta allura, l-attrici, cittadina maltija kellha 20 sena, u l-konvenut cittadin Libjan, kellu 30 sena.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

In sostanza l-attrici tghid li hija kienet accettat li tizzewweg lill-konvenut nonostante li l-familjari taghha kienu kontra. Kien il-konvenut li kellu l-ghagla sabiex jizzewweg. Hija tghid li kif izzewwgu hu qallha li ssa seta'joqghod Malta bla inkwiet, u hemmhekk l-attrici ndunat li hu kien izzewwigha biss biex ikun jista' joqghod Malta; u konsegwentment irrifjutat li tmur tikkonvivi mieghu, u tghid li z-zwieg qatt ma gie kkonsumat.

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li hu ma kellux ghalfejn jizzewweg biex joqghod Malta, peress li qatt ma kellu nkwiet fuq il-visa u li dina dejjem inghatatlu. Huwa jghid li kien ilu jaf lill-attrici seba' snin, u eventwalment staqsiha biex tizzewwgu, u din accettat. Jghid pero' li l-problemi kienu bdew mill-ewwel, u l-attrici kienet cediet ghall-pressjoni da parti tal-familjari taghha biex titilqu. Jghid li hu ghadu jhobbha u sa dak iz-zmien kien lest li jerga' jirranga maghha.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Illi Qorti, wara li rat iz-zewg verzjonijiet moghtija mill-partijiet fis-19 ta' Lulju 2004 u fil-25 ta Mejju 2005 rispettivament, hija tal-fehema li l-verzjoni attrici hija aktar verosimili. Inoltre, fl-affidavit tieghu l-konvenut ma nnegax dak allegat mill-attrici, u cioe' li z-zwieg ma giex kkonsumat.

Illi l-Qorti thoss li dan iz-zwieg huwa null, in bazi ghall-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ezistenti da parti ta' l-attrici.

Il-provi juri li l-attrici kienet ghadha mmatura wisq meta accettat li tizzewweg lill-konvenut li kien ghaxar snin akbar minnha, u li kien gej minn kultura socjali u religjuza radikament differenti minn taghha, u l-Qorti thoss li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha hija ma gharrfitx l-import taz-zwieg taghha mal-konvenut. Jidher li malli zzewwget intebhet b' dak li sar, u skond hi rrifjutat li tokkonsuma z-zwieg mieghu, allura zewgha. Il-konvenut stess jammetti li l-problemi bdew malli zzewwgu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti thoss li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-ewwel talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Jannar 2004 ; tichad it-tieni talba, u tilqa' it-tielet talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------